# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 6**

**Avviz numru 35/02/SM**

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Carmel Bartolo**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-awtorita' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u tmenin liri Maltin u hamsin centezmu (LM2,389.50,0) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mill-anness Dokument markat "A";**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra il-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-awtorita' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-6 ta' Frar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-awtorita' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**